IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35A-2017(14_08_17 - Laqgħa b'urġenza)**

**14 ta' Awwissu 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**35A.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35A.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**35A.2 Proġett ta' proċessar ta' demel tal-bhejjem fil-Munxar**

35A.2.1 Is-Sindku stiednet lis-Sur Paul Curmi sabiex jelenka dwar is-suġġett peress li kien hu li talab li ssir din il-laqgħa b'urġenza.
Huwa ddikjara li wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-operatur tal-ipproċessar tad-demel tal-bhejjem, meta qed jipprova jispjega x'ser jiġri ma' min jiltaqa' miegħu, iktar qed iqumu mistoqsijiet milli tweġibiet b'mod partikulari fin-nuqqas ta' konsultazzjoni u informazzjoni ta' esperti fil-qasam min-naħa tal-awtoritajiet.

Is-Sur Curmi kompla jgħid li ġejna ppreżentati b'fatt komplut ftit ġranet biss qabel ma ser tibda l-operazzjoni. Kull ġurnata n-nies qed jistaqsu u jitolbu għal aktar informazzjoni dwar din l-operazzjoni u li aħna ma aħniex f'pożizzjoni li nipprovdu. Fid-dawl ta' dan kollu huwa qed jipproponi dawn l-affarijiet:

1. isir mandat sabiex ix-xogħol ma jkunx jista' jibda qabel mal-Kunsill ikun infurmat sew x'ser isir,
2. isir *impact assessment* mill-Kunsill,
3. nitolbu laqgħa mal-awtoritajiet sabiex jispjegaw sew x'inhu l-proġett.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-avukat tal-Kunsill qalet li ma jistax isir mandat fuq għajdut u x-xogħol li ser jibda wara Santa Marija ma jirrekjedix permessi. L-avukat qiegħda tissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel verifiki ma' perit sabiex naraw attwalment is-sit huwiex kopert b'xi tip ta' permess u jekk iva allura l-permess li għandu jkopri l-attività li qed jeżerċita bħalissa u jekk le allura jekk jistax jinġab permess. Is-Sinjorina Sonja Abela qablet ma' kif qed tissuġġerixxi l-avukat. Is-Sur Damien Spiteri qabel ma' kif qed jissuġġerixxi s-Sur Paul Curmi. Il-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia ssuġġerixxa li ssir stqarrija lill-*media* fejn jiġi mħabbar li l-Kunsill huwa kontra li dan il-proġett isir fil-konfini tal-Munxar.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li qabel mal-iżviluppatur talab laqgħa mal-Kunsill u li din saret fid-9 t'Awwissu 2017 kienet marret għand l-Avukat Deborah Mercieca sabiex tipprepara ittra li ser tintbagħat lill-Awtorità tal-Ippjanar u kkopjata lill-Ministru għal Għawdex, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà u Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jaqra din l-ittra li kienet tgħid hekk:

"*Ninsab diretta niktiblek għan-nom tal-Kunsill Lokali Il-Munxar ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina Il-Munxar Għawdex b'referenza għall-possibilità ta' żvilupp ġewwa farm li jinsab fi Triq Żgħawri Il-Munxar Għawdex. Illi l-Kunsill ġie avviċinat minn numru kbir ta' residenti li jinsabu ferm preokkupati mill-fatt li f'dan is-sit indikat jista' jkun li ser tibda tiġi eżerċitata attività in konnessjoni ma' proċessar ta' demel tal-bhejjem. Infatti l-istess Kunsill jinsab infurmat illi nbdew anke xi xogħlijiet li mhux neċessarjament huma koperti mill-permess meħtieġ tal-awtoritajiet.*

*Illi l-Kunsill qiegħed jagħmilha ċara minn issa u dan għalkemm għadu ma ġie avviċinat minn l-ebda investitur jew inkella entita governattiva li huwa kontra li fil-lokalità tal-Munxar tiġi ġestita attività bħal din. Dan qed jingħad mhux biss għall-fatt li dan ir-razzett huwa viċin id-djar tal-Munxarin u għalhekk hemm l-inkonvenjent tar-riħa u potenzjalment il-periklu għas-saħħa minħabba xi gass li jista' jiġi emess, iżda anke peress li t-trakkijiet iridu jgħaddu kollha minn ġewwa l-pjazza tar-raħal pittoresk tal-Munxar. Dan huwa inaċċettabbli għall-istess Kunsill u ser jieħdu dawn il-passi kollha li jista' jkun hemm bżonn sabiex jissalvagawdja l-interessi tar-raħal u taċ-ċittadini tiegħu.*

*Illi filwaqt li qed jiġi ttamat li dan kollu ma jkunx meħtieġ u li l-possibilità li tiġi ġestita tali attività tiġi skartata immedjatament, il-Kunsill ħassu fl-obbligu li jinforma formalment kemm lilek kif ukoll lill-entitajiet l-oħra li qed jiġu kkupjati b'din il-korrispondenza u dana sabiex l-oġġezzjoni tagħhom tiġi reġistrata bil-miktub*".

Peress li wara li nkitbet l-ittra, kienet saret laqgħa mal-iżviluppatur, ġie deċiż li din l-ittra titranġa u tiġi ppreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis li ġej sabiex tkun tista' tintbagħat lill-entitajiet imsemmija fl-ittra stess.

Ġie deċiż ukoll li s-Sindku ser tkellem lill-perit sabiex jivverifika dwar is-sit hekk kif tat il-parir l-avukat tal-Kunsill.

**35A.3 Tmiem tal-Laqgħa**

35A.3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 17 ta' Awwissu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said | Anthony Grech |

Sindku Segretarju Eżekuttiv